



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Mejju 2021  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0233(COD)

---

6116/1/21  
REV 1 ADD 1

FISC 25  
ECOFIN 127  
CADREFIN 62  
CODEC 187  
PARLNAT 106

#### DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

---

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jistabbilixxi l-programm "Fiscalis" għal kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1286/2013

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fl-10 ta' Mejju 2021

---

## I. INTRODUZZJONI

1. Fit-8 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "Fiscalis" għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni<sup>1</sup> ("il-Programm") li huwa bbażat fuq l-Artikoli 114 u 197 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-proposta hija parti mill-proposti settorjali li jikkomplementaw il-pakkett ta' proposti orizzontali dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2021 sal-2027 ("il-QFP").
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018<sup>2</sup>. Fil-Parlament Ewropew, fl-4 ta' Diċembru 2018 ittiegħed vot dwar ir-rapport fil-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) u ġie kkonfermat fil-plenarja f'Jannar 2019. Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta r-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu dwar il-proposta<sup>3</sup>, u b'hekk ikkonkluda l-ewwel qari tiegħu. Dak il-vot witta t-triq 'il quddiem għal ftehim bikri fit-tieni qari bejn il-koleġiżlaturi.
3. Il-proposta ġiet eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Fiscalis). Fit-28 ta' Novembru 2018, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar mandat parzjali<sup>4</sup> biex jidħol f'negozjati informali mal-Parlament Ewropew, b'xi dispożizzjonijiet jibqgħu fil-parentesi minħabba r-rabta tagħhom mad-diskussjonijiet ġenerali tal-QFP jew in-natura orizzontali tagħhom.
4. Saru żewġ trilogi fit-23 ta' Jannar u fil-21 ta' Marzu 2019 u ġew solvuti kwistjonijiet sostanzjali b'kompromessi miż-żewġ naħat. Wara t-trilogu li sar fil-21 ta' Marzu 2019, il-Presidenza laħqet fehim komuni mar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew li ġie kkonfermat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fis-27 ta' Marzu 2019<sup>5</sup>. Xi elementi tħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni tan-negozjati mal-Parlament Ewropew, peress li kienu jeħtieġu t-tlestija tan-negozjati dwar il-QFP biex il-Kunsill ikun jista' jistabbilixxi l-pożizzjoni tiegħu.

---

<sup>1</sup> 9932/18 + ADD 1-3.

<sup>2</sup> ĠU C 62, 15.2.2019, p. 118.

<sup>3</sup> 8575/19.

<sup>4</sup> 14208/18 u 14209/18.

<sup>5</sup> 8000/19.

5. Il-mandat parzjali għal negozjati ġie aġġornat biex jiehū kont tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-QFP 2021-2027 u l-Pakkett għall-Irkupru adottati fil-21 ta' Lulju 2020<sup>6</sup>, li rriżulta f'mandat sħiħ għal negozjati approvati mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-8 ta' Jannar 2021<sup>7</sup>.
6. Sa tmiem in-negozjati interistituzzjonali informali ulterjuri, li saru minn Jannar sa Marzu 2021, intlaħaq ftehim proviżorju bejn il-koleġislaturi dwar il-proposta. Ser tiġi rreġistrata dikjarazzjoni mill-Kunsill fil-minuti tal-Kunsill. Ġie maqbul li ma kien meħtieġ l-ebda trilogu politiku finali. Minflok, il-finalizzazzjoni tar-riżultati milħuqa permezz ta' negozjati informali saret bil-miktub mill-koleġislaturi.
7. Fl-24 ta' Marzu 2021, il-qbil proviżorju ġie ppreżentat bil-miktub lill-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Fiscalis), li ma kellhom ebda oġġezzjoni għat-test tal-ftehim.
8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma t-test ta' kompromess finali fil-31 ta' Marzu 2021 u qabel li jirreġistra d-dikjarazzjoni mill-Kunsill fil-minuti tal-Kunsill mal-adozzjoni tar-Regolament<sup>8</sup>.
9. Dak it-test ġie ppreżentat għall-votazzjoni ta' konferma mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij (ECON) tal-Parlament Ewropew fit-22 ta' April 2021. Fit-23 ta' April, il-President tal-ECON iffirma ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) fejn qal li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment il-pożizzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew fil-forma kif tinsab fl-anness għal dik l-ittra, hija ser tirrakkomanda lill-plenarja tal-Parlament Ewropew li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emenda, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti, fit-tieni qari tal-Parlament Ewropew.

---

<sup>6</sup> 10/20.

<sup>7</sup> 14197/20.

<sup>8</sup> 7204/21.

## **II. OBJETTIV**

10. L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jappoġġa lill-awtoritajiet tat-taxxa u t-tassazzjoni sabiex jissaħħaħ il-funzjonament tas-suq intern, li jrawwem il-kompetittività tal-Unjoni u l-kompetizzjoni ġusta fl-Unjoni, li jipproteġi l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, inkluż li jipproteġi dawk l-interessi mill-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa, u li jtejjeb il-ġbir tat-taxxa.
11. L-għanijiet speċifiċi tal-Programm huma li jappoġġa l-politika tat-tassazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni relatat mat-tassazzjoni; li jrawwem kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa, inkluż l-iskambju tal-informazzjoni dwar it-taxxa, u li jappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi, inkluż fir-rigward tal-kompetenza umana, u l-iżvilupp u t-tħaddim ta' sistemi elettroniċi Ewropej.
12. Il-programm Fiscalis għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni ser jissostitwixxi l-Programm Fiscalis 2020 biex jiżgura l-kontinwazzjoni tiegħu lil hinn mill-2020.

## **III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI**

13. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu qbil fl-istadju tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ("ftehim bikri fit-tieni qari").
14. It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti l-kompromess ġust u bbilanċjat milħuq fin-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iffaċilitat mill-Kummissjoni.

15. L-elementi ewlenin tal-kompromess milħuq mal-Parlament Ewropew huma deskritti hawn taħt:

- intlaħaq qbil dwar id-durata tal-Programm mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 u l-applikazzjoni retroattiva tar-Regolament;
- ġew elaborati l-oġettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm;
- l-azzjonijiet eliġibbli għall-finanzjament ġew speċifikati aktar, b'mod partikolari, hija prevista lista mhux eżawrjenti ta' suġġetti ta' prijetà għal azzjonijiet;
- ġie ċċarat il-proċess tal-għażla ta' esperti esterni;
- il-Programm għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma pluriennali adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni;
- il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-indikaturi kif ukoll biex tissupplimenta r-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni;
- issaħħu l-kriterji u l-modalitajiet tal-evalwazzjoni;
- ġiet introdotta klawżola rigward l-obbligu ta' rappurtar u l-estensjoni fir-rigward tad-delega ta' setgħa.

#### IV. KONKLUŻJONI

16. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Fiscalis għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess milħuq fin-negozjati bejn il-Kunsill u tal-Parlament Ewropew, iffaċilitati mill-Kummissjoni. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrappreżenta bilanċ tajjeb u, ladarba adottat, ir-Regolament il-ġdid ser jissodisfa l-oġettivi tiegħu. Dan il-kompromess huwa kkonfermat bl-ittra li l-President tal-Kumitat ECON indirizzat lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-23 ta' April 2021.
-